# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

## ILLUM 17 T'OTTUBRU, 2000.

**Kawza Nru. 47.**
**Citazz. Nru. 496/00 JRM.**

**Hugh P. Zammit ghan-nom u in rapprezentanza tal-Kumpanija GasanMamo Insurance Agency Limited bhala rapprezentatrici tas-socjeta' assikuratrici estera CGU Insurance p.l.c.**

**vs**

1. **Michael Mizzi, u**
2. **Clayton Mizzi.**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur nomine wara li ppremetta:

Illi l-konvenut Michael Mizzi kien propjetarju tal-vettura Hyundai Excel b'numru ta' registrazjoni FAG 395 liema vettura kienet assikurat mas-socjeta' attrici assikuratrici fis-sena 1998 b'Polza ta' Assikurazzjoni nru. XPF/516834/HB/06;

Illi fit 30 ta' Jannar 1998 il-konvenut l-iehor Clayton Mizzi kien involut f'incident tat-traffiku, ghall-liema incident huwa instab unikament responsabbli mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-kawza fl-ismijiet "Keith Debono vs Clayton Mizzi" (Avv. Nru. 1636/98) u gie ikkundannat ihallas lill-attur Keith Debono, s-somma ta' disa mija u tlett Liri Maltin u hamsin centezimi (LM903.50) bhala sorte, mija u tminja u erbghin Lira Maltin u tlieta u disghin centezimi (LM148.93) bhala spejjez tal-kawza, is-somma ta' tlettax il-Lira u tnejn u erbghin centezimi (LM13.42) bhala Vat, is-somma ta' erba Liri Maltin u sbatax il-centezimi (LM4.17) bhala imghax skond is-sentenza, tlettax il-Lira Maltin u tnejn u erbghin centezimi (LM13.42} ghall-Mandat ta' Qbid Nru. 3119/99 JV;

Illi ai termini tal-Artikolu 10 tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta, s-socjeta' attrici kienet tenuta li thallas lill-Keith Debono dawn il-fuq imsemmija ammonti stante li hija kienet giet notifikata skond il-ligi b'ittra Ufficjali datat 21 ta' Awissu 1998;

Illi s-socjeta attrici fil-fatt halset lill-imsemmi Keith Debono is-somma ta' LM1083.44 ghas-saldu tas-sorte, spejjes, imghax, vat u spejjes tal-Mandat;

Illi l-konvenut Clayton Mizzi ma kienx kopert fil-fuq imsemmija Polza ta' Assikurazzjoni stante li huwa kellu biss 19 ta' sena meta sehh l-incident filwaqt li l-polza kienet tkopri biss *"the insured and any person aged twenty five years and over only";*

Illi s-socjeta attrici ai termini tal-Artikolu 10 tal-Kap 104 u ai termini tal-Polza ta' Assikurazzjoni ghandha dritt iddur kontra l-assikurat taghha sabiex tiehu lura l-ammont minnha mhallas;

Ghalhekk il-konvenut talab lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex ghar-ragunijiet fuq imsemmija:

1. Tiddikjara illi l-konvenut Clayton Mizzi ma' kienx kopert bil-Polza ta' Assikurazzjoni hawn fuq imsemmija meta sehh l-incident fit-30 ta' Jannar 1998;

2. Tiddikjara li l-konvenut Michael Mizzi ippermetta lill-imsemmi Clayton Mizzi isuq il-vettura hawn fuq imsemmija meta huwa ma' kienx kopert b'polza ta' assikurazzjoni;

3. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom jirrifondu lill-attur nomine is-somma ta' elf, u tlieta u tmenin Lira Maltin u erba u erbghin centezmi (LM1083.44) liema ammont huwa hallas lil Keith Debono kif hawn fuq imsemmi;

Bl-ispejjes, komprizi dawk ta' Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju ipprezentati kontra l-konvenuti kontestwalment ma' din ic-citazzjoni, u bl-imghaxijiet legali kontra il-konvenuti jew min minnhom mid-data tan-notifika, li huma minn issa ingunti ghas-subizjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda ta' l-attur nomine;

Rat in-nota tal-konvenuti li biha ammettew it-talbiet kif dedotti fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti, t-talba kif dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tal-konvenuti tiddeciedi billi **tilqa' t-talbiet ta' l-attur nomine** kif dedotti fic-citazzjoni bl-ispejjez kontra l-konvenut.

## Moqrija

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**17, t'Ottubru, 2000.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**17, t'Ottubru, 2000.**